

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Ottubru 2017 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio – l-Italja) – Hitachi Rail Italy Investments Srl (C-655/16), Finmeccanica SpA (C-656/16) vs Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

(Kawżi magħquda C-655/16 u C-656/16)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Dritt tal-kumpannji — Direttiva 2004/25/KE — Offerti pubbliċi ta' xiri — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) — Possibbiltà ta' tibdil fil-prezz tal-offerta f'ċirkustanzi u skont kriterji ddeterminati b'mod ġar — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-possibbiltà għall-awtorità ta' superviżjoni li żżid il-prezz ta' offerta pubblica ta' xiri f'każ ta' kollużjoni bejn l-fferrent u l-bejjiegħ)

(2018/C 005/21)

Lingwa tal-kawża: l-Italja

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hitachi Rail Italy Investments Srl (C-655/16), Finmeccanica SpA (C-656/16)

Konvenuta: Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

fil-preżenza ta': Amber Capital Italia Sgr SpA, Amber Capital Uk Llp, Bluebell Partners Limited, Elliot International Lp, The Liverpool Limited Partnership, Elliot Associates L.P.

Dispożittiv

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Nru 2004/25/KE, tal-21 ta' April 2004, fuq offerti ta' xiri, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali, li żżid il-prezz ta' offerta pubblica ta' xiri f'każ ta' "kollużjoni", mingħajr ma tispeċifika l-agħir speċifiku li jikkaratterizza dan il-kunċett, sakemm l-interpretazzjoni tal-imsemmi kunċett tista' tiġi dedotta b'mod suffiċientemente ġar, preċiż u prevedibbli minn din il-leġiżlazzjoni, permezz ta' metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti mid-dritt intern.

⁽¹⁾ ĠU C 121, 18.4.2017.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-26 ta' Ottubru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Judicial da Comarca de Braga – il-Portugall) – Caixa Económica Montepio Geral vs Carlos Samuel Pimenta Marinho et

(Kawża C-333/17)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 21 u 38 — Nondiskriminazzjoni — Protezzjoni tal-konsumaturi — Kuntratt ta' self bankarju — Assenza ta' domanda dwar dispożizzjoni legali tal-Unjoni li ma hijiex dispożizzjoni li ma tinsabx fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2018/C 005/22)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Judicial da Comarca de Braga